MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru. 138/2013

**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**CARMELO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmelo Farrugia bin Giuseppe u Angela nee' Farrugia, mwieled Zejtun fil- 31 ta' Ottubru 1956, residenti Orange Hill Mansions 4, Triq San Frangisk, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 18457M;

Talli ;

1) B' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda u cioe' talli bejn l- 1 ta' Settembru 2012 u s- 7 ta' Ottubru 2012 ikkommetta serq ta' oggetti, ghad- detriment ta' sidhom, liema serq hu kkwalifikat bil- valur liema valur huwa aktar minn €2,333 u bil- persuna;

2) Ukoll talli fl- istess data u fil- granet ta' wara, f' dawn il- gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien impjegat mal-kumpanija Sky Gourmet li topera minn gewwa l-ajruport. Bhala impjegat hu kien jipprepara l-ikel ghal fuq l-ajruplani u jtella t-'trolleys' fuq l-istess ajruplan. Ma kellux x'jaqsam mat-tqassim tal-fliexken ta' fwejjah fuq l-ajruplani. F'Settembru tal-2012, il-kumpanija ghamlet 'stock take' tal-merkanzija taghha, u rrisulta li kien hemm diskrepanza konsiderevoli. Ghalhekk gew esaminati l-filmati tas-CCTV li kellhom installat, u deher l-imputat jiehu numru ta' kaxxi mill-istores u jqieghdhom fejn skip fuq in-naha ta' barra. Ghalhekk sar rapport lill-Pulizija, u ttiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti, jidher li l-imputat huwa hati ta' dan ir-reat. Hu ma jaghti ebda spjegazzjoni ghall-ghemil tieghu, izda jinnega li qatt dahal fl-istores. Mir-rapport tal-PIRS, jidher ukoll li kienet saret tfittxija fid-dar tieghu, u nstabi xi fliexken tal-fwieha ghadhom issigillati (li ghalkemm jidher mill-istess rapport li kienu gew elevati mill-Pulizija, l-anqas gew esebiti fl-atti), li l-imputat qal li kien xtrahom ghat-tfal. Xehdu l-general manager tal-kumpanija, John Mansueto, li qal li mil-filmati setghu jaraw lill-imputat jidhol fl-istores u jiehu l-kaxxi tal-fwejjah meta ma kienx awtorizzat jidhol hemm, kif ukoll jidher fl-istess filmati johrog dawn il-kaxxi barra meta l-anqas kien awtorizzat johrog hemm. Xehed

ukoll Joel Cachia, financial controller tal-kumpanija, li qal li kien hu li nduna bid-diskrepanza fl-istocks u li allura kien hemm xi haga serjament hazina. L-ammont ta’ oggetti nieqsa kien jiswa’ madwar erbat elef Ewro (€4,000). Xehed Chris Lanzon, li jiehu hsieb l-istores tal-kumpanija, u qal li f’Settembru kienu ndunaw b’nuqqas konsiderevoli fl-istocks tal-fwejjah.

Xehdu ukoll tlitt persuni ohra,Joseph Sciberras u Karl Farrugia, li jahdmu bhala ‘cleaners’ mal-kumpanija, u Mark Mallia, li jahdem bhala ‘delivery’ ma’ James Caterers, li kollha qalu li kienu raw lill-imputat jarmi xi kaxxi fejn skip fuq barra, u deher suspettuz, u marru jaraw din il-kaxxa x’kien fiha. Raw li kien hemm kaxxi tal-fwieha, u telqu ‘l hemm. Ftit wara raw lill-imputat, din id-darba bil-vettura tieghu, jidhol fejn l-iskips, ighabbi din il-kaxxa, u jitlaq isuq biha. Haga tal-ghageb, hadd minnhom ma ndenja ruhu jaghmel rapport ta’ dan kollu.

Id-difiza tellghel lill-imputat li, hekk kif ghamel fl-istqarrija, innega kollox u qal li qatt ma kien ha xejn minn gewwa l-istores, u li gieli kien jarmi kaxxi vojta barra. Qal li s-security camera bil-fors ha taqbdu diehel u hiereg mill-istores, ghax dak kien xogholu. Qal ukoll li qatt ma dahal fejn l-iskips bil-vettura tieghu. Mistoqsi mill-Qorti, qal li l-fliexken tal-fwejjah li kienu nstabu d-dar tieghu – izda li baqghu ma gewx esebiti – kien xtrahom hu bhala rigali ghat-tfal xi zmien ilu.

Mill-esami ta’ dawn il-provi, il-Qorti tilhaq dawn il-konkluzjonijiet. Huwa minnu li xi hadd seraq il-kaxxi tal-fwieha minn gewwa l-istores ta’ Sky Gourmet. Dan irrisulta mid-dokumenti esebiti mill-kumpanija bhala risultat ta’ stock take maghmul minn Joel Cachia kif ikkorroboratha minn Chris Lanzon. Irrisulta li l-

imputat, kwazi ex admissis, kien regolarment jidhol u johrog minn dawk l-istores, u li kien jarmi skart fejn skips barra mill-istess stores. Jidher ukoll li hemm xhieda okulari li rawh jarmi l-fwejjah barra u rawh jidhol bil-vettura tieghu biex jiehu dawk il-fwejjah. Ghal xi raguni assolutament inspjegabbli ghal din il-Qorti, dawn it-tlitt xhieda jaghzlu li jzommu halqhom maghluq, daqs li kieku ma raw xejn, u ma jirrapportaw dan il-fatt lil hadd. Veru esemplari f'ghemilhom.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-provi bil-fors iwasslu ghall-htija fl-imputat. Kienx wahdu f'din l-operazzjoni, jew kellux lil xi hadd komplici mieghu, difficli li wiehed jistabbilixxi, izda jibqa' l-fatt li hu ma jaghti ebda spjegazzjoni ghall-presenza tieghu fuq il-lok tad-delitt, u ma jiggustifikax bizzejjed is-sejba ta' erba' fliexken tal-fwieha fid-dar tieghu. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-imputathuwa hati u ghandu jinghata l-piena li jimmerita fic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261(c), 267, 279(b), 334, 533, 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------